MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1376/2001/1

**Ritianne Drury xebba Cini**

**vs**

**Jason Peter Drury**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu b'mod civili fis-6 ta' Lulju 1999 fir-Registru Pubbliku Valletta skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn immarkat bhala Dokument “A”.

Illi l-kunsens tal-kontendenti huwa vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija

psikologika, serja li taghmilha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg.

Illi l-kunsens ta' l-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan stante illi t-tfal gew eskluzi mill-hajja matrimonjali taghhom.

Illi dan iz-zwieg ma seta' qatt jeffetwa ruhu minhabba illi l-konvenut ma kienx jahdem u lanqas kellu dar tar-residenza ghalih u ghall-martu biex b'hekk l-istabbilita' fil-hajja mizzewga kienet totalment nieqsa kif ukoll baqgha jghix hajja bla kont u bla razan f’relazjonijiet extra matrimonjali, kif ukoll f’abbuzi ohra mhux leciti li jivvizjaw il-kunsens taz-zwieg.

Illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg is-setghat intelettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet celebrati fir-Registru Pubbliku Valletta fis-6 ta' Lulju 1999 skond l-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dokument “A” huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-**Att taz-Zwieg (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta.**

BI-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tat-22 ta’ Mejju 2002 fejn Dr Christian Grima ghall-attrici talab li n-notifika ssir *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12**, u l-Qorti laqghet it-talba.

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta’ Gunju 2002 u n-notifika permezz tal-affissjoni.

Rat in-nota tal-attrici tal-1 ta' Novembru 2002 fejn esebiet estratt minn gazzetta lokali datata 31 t'Awissu 2992.

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru 2002 fejn il-konvenut msejjah tlett darbiet baqa' ma deherx, inghata digriet tal-affidavit lill-attrici b'terminu ta' 50 jum, u Dr Grima ghall-attrici ddikjara li hlief l-affidavits m'ghandux aktar provi, ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Frar 2003.

Rat il-verbali tas-seduti kollha quddiem din il-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Ritianne Drury** qalet is-segwenti:

*"Jiena sibt xoghol bhala 'chambermaid' go lukanda, imma Jason qatt ma sab xoghol biex jkun jista' igib paga lejn id-dar. Gieli kien imur jumejn, imbaghad jghid li ma ghogbux u li x-xoghol ma jhallasx bizzejjed. Jiena kont nemmnu u ghalhekk qattajt sentejn u nofs nahdem ghalih. Konna morna noqghodu Bugibba biex inkun qrib tax-xoghol u sibt xoghol iehor bhala 'waitress'. Kont immur ix-xoghol minn filghodu sa filghaxija waqt li hu kien joqghod id-dar ma jaghmel xejn jew johrog Paceville. Kien ukoll beda jghid li jiena fuq ix-xoghol nahdem ta' prostituta u nidhak lill-irgiel. Kelli nahseb ghall-kera, ghad-dawl, ghall-ikel u ghal habib tieghu, li kien gabu joghqod maghna u li ma kienx jahdem, bhalu. Kien diga beda jgenninli mohhi. Kellu xi jghid mal-habib tieghu u waddbu l-barra".*

*"Kont noghqod go flat gewwa block li fih kienet toghqod is-sid ta' fejn kont nahdem. Kien iqum minn filghodu jiftah l-*

*istereo volum gholi u minhabba dan ma stajtx norqod qabel ma mmur ghax-xoghol. Wara morna noghqodu fi flat iehor fejn iltqajt ma habiba tieghi li fi ftit zmien saret habiba tieghu, u huwa qalli biex ingibha l-flat toghqod maghna peress li qalet li kellha hafna inkwiet mal-familja. Giet toghqod maghna u bdiet thallas il-flat u tghini. Rajtha qisha anglu, pero' qatt ma hsibt f'dak li kien gej ghalija".*

*"Bdejt nghix ahjar ghax il-kera tal-flat bdejna naqsmuha maghha pero' fl-istess hin kienet qieghdha torqod mar-ragel tieghi. Indunajt ghax kellha djarju u meta kont qed nitkellem maghha kien miftuh u qrajt kollox. Rajt isem ir-ragel tieghi u kien hemm miktub kemm thobbu u li ma kienx jiddispjaciha ghall-habiba taghha (jiena) li kienet haditilha r-ragel".*

*"Minhabba din is-sitwazzjoni impossibli, jiena kelli nitlaq mill-flat. Wara sirt naf li l-habiba tieghi kienet harget tqila minn mar-ragel tieghi izda korriet u tilfet it-tarbija ta' tlett xhur, sforz it-tahbit tax-xoghol li kienet taghmel biex forsi tlahhaq mal-hajja. Jason u l-habiba tieghi ma tantx damu flimkien, peress li hija telqitu ghax ma kienx jahdem".*

*"Waqt li konna nghixu flimkien, Jason kien jaghmilli hafna nkwiet u dwejjaq kbar. Darba mort biex naghmel "cake" bil-"mixer" li tani bhala rigal missieru, izda dan ma sibtux. Jason beda jghajjat mieghi u beda jghid li tort tieghi li ma stajtx insibu, izda wara hafna glied qalli li kien hadu hu u bieghu biex jixtri d-drogi. Huwa ukoll kien jixrob hafna nbid. Darba f' "St. Valentine's Day" kont sejra x-xoghol filghodu u ma riedx jghatini bewsa. Tlaqt il-barra irrabbjata u waqajt it-tarag, weggajt idi, ghamilt 22 punt u bqajt b'subghajja immankat, mghawweg. Meta nara subghajja jiddispjacini ghax ma kien jiswa ghal xejn li weggajt".*

*"Jiena tmajtu, hallast il-kera tal-flat u bidilni. Dak kien ir-ringrazzjament!"*

*"Kien ikolli innaddaf il-flat jiena, nahsel il-hwejjeg, gieli b'idi ghax ma kellix washing machine u nsajjar, bla ghajnuna minghand hadd. Beda jiggieled mieghi ghax ma kienx ikolli cans innaddaf, meta hu kien ikun kuljum barra ma'*

*shabu, jixrob. B'hekk mhux l-ewwel darba li kien jghid li l-flat mizbla u tant kien jiggieled mieghi li nispicca nibki u gieli anke habibti l-gara kienet tigi tara kif jiena. Kien jghid li Ihmieg li kien hemm fil-flat kont naghmlu jiena meta jiena forsi darbtejn fil-gimgha biss kont niekol il-flat ghax dejjem mix-xoghol kont niekol; filwaqt li hu kien dejjem johrog meta jiena kont xoghol, u qalli li anke kien idahhal lin-nies fil-flat taghna bla permess minghandi. Flus ghalih ma kienux problem; jew naghtih jiena jew inkella jisraqli minn gol-baskett jew cash link. Flus fuqi ma kontx inzomm hlief gurnata qabel il-hlas tal-kera. Kien ikolli l-flus gol-baskett u gieli kont insib xi haga nieqsa".*

*"Billi kont qed nahdem sieghat twal, mhux l-ewwel darba li kont nirrifjutah u ma nhallih jaghmel xejn. Meta kont nasal fis-siegha ta' filghodu ma kienx ikolli mohh is-sess imma s-sodda biex norqod, ha nistrieh ghall-ghada filghodu. Waqt is-sess l-aqwa li johrog sodisfatt hu u daqshekk, daqs li kieku kont xi oggett. Billi ma kienx qed ikollna x'naqsmu spiss daqs kemm xtaq hu, beda jivvinta jew li ghandi girfa ma dahri, jew li qed niltaqa' ma xi wiehed, jew ikellimni hazin fuq il-gara li kont nahdem maghha u jimmalafamha".*

*"Mhux l-ewwel darba li kien jghidli waqt xi glieda bejnietna biex nitlaq lura ghand ommi. Izda meta ippruvajt ghax kont iddejjaqt mill-glied u il-gideb, hatafli l-basket u sabtu ma' l-art. Qaghadt bil-qieghda fuq is-sodda u qalli li ma nistax nitlaq ghax jiena il-mara tieghu. Niftakar li ghall-ahhar ta' Frar tas-sena 2001 Jason kien telaq minghajr kliem mill-appartament illi konna nghixu fih gewwa Bugibba. Illi minn dak inhar il-quddiem niftakar illi rajtu xi darbtejn ghaddej fit-triq pero` lili qatt ma rega' kellimni".*

*"Nghid illi jiena u Jason ma ghandniex tfal u bhala komunjoni tal-akkwisti tista' tghid li ma hemm xejn ghaliex id-dar matrimonjali kienet mikrija u bhala affarijiet tieghi personali nghid illi jien kont hadthom mieghi meta tlaqt finalment mill-flat fejn konna nghixu u rritornajt ghand ommi u missieri ghall-habta ta' April 2001".*

*“Naf illi huwa abbandunani kompletament u li ili ma narah ghal dawn l-ahhar xhur. Hu qatt ma ghamel kuntatt mieghi jew ghamel tentattiv biex ikellimni. Illum il-gurnata ihossni ahjar pero` nixtieq illi niehu s-separazzjoni legali minn mieghu sabiex ikun nista’ nibda hajja ohra”.*

*“Jiena nixtieq ninhall minn dan iz-zwieg u nerga' ngib kunjomi ta' xebba ghax ma rridx illi jahsbu li ghad ghandi x'naqsam mieghu izjed.”*

Illi fl-affidavit taghha **Mary Doris Cini** omm l-attrici sostniet illi:-

*“Nghid illi jien nigi omm Ritienne Drury”.*

*“Nghid illi l-ewwel darba li ltqajt ma Jason niftakar illi kienet gabitu d-dar Ritienne. Niftakar illi binti kienet qaltli li kienu ilhom flimkien ghal madwar sitt xhur. Hija qaltli illi kienet ser titlaq mid-dar u tmur tghix mieghu ghaliex qalet illi kellha l-eta` taghha”.*

*“Niftakar illi kienet cemplitli darba fost l-ohrajn Ritienne u qaltli li kienet ser tizzewweg bir-registru. Nghid illi t-tnejn li huma kien jigu ghandna darba fil biex jiehdu xi affarijiet maghhom imma jien ftit li xejn kont naraha”.*

*“Niftakar illi darba minnhom qaltli li riedet tkellimni u konna ltqajna ghand in-nanna ta' Jason Drury id-dar taghha l-Gzira. Din kienet qaltli illi billi ahna u huma kienu nies sewwa illi allura Jason u Ritienne setghu jizzewwgu. Kienet xtratilhom ic-crieket u kienu zzewwgu bir-Registru fis-6 ta' Lulju 1999”.*

*“Niftakar illi kienet dejjem tgorr mieghi illi ma kellhomx flus u illi hi kellha tahdem biex tmanti lilha nnifisha lill-zewgha Jason li ma kienx jahdem u niftakarha tghidli illi kien hemm xi habiba taghhom illi kienet tghix maghhom fil-flat”.*

*“Darba minnhom kienet giet Ritienne u qaltli illi kienet saret taf illi Jason kien qed ikollu x'jaqsam mal-habiba taghha. Naf li Jason kien ammetta ma Ritienne illi kellu relazzjoni ma din il-habiba. Jien sirt naf ukoll minn binti illi*

*din il-habiba kienet harget tqila u li kienet korriet. Nghid li ma nafx jekk sal-gurnata tal-llum dawn ghadhomx flimkien".*

*"Ritienne minn dejjem niftakarha teqred fuq il-fatt illi Jason kien johrog jixrob mal-hbieb u ma tfajliet ohra waqt li binti kienet tohrog tahdem ghall-sieghat twal biex tkun tista' tlahhaq ma l-ispejjez tal-kera tal-apartament u mal-ispejjez l-ohra taghhom. Kienet tghid illi hu kien jisirqilha l-flus mill-basket taghha".*

*"Ghall-habta ta' Frar 2001 niftakarha tigi d-dar taghna n-Naxxar tibki ghaliex Jason kien telaq mid-dar u ma kienx irritorna".*

*"Naf illi hi kienet ghamlet xi xahar tghix wehidha fl-appartament fejn kienu joqghodu pero` Jason qatt ma rega' tfacca. Jien kont nistenniha terga' lura maghna tghix id-dar ghaliex kienet tohrogli qalbi naraha hekk wehidha abbandunata u mbikkma".*

*"Nghid illi hi giet lura ghandna f'April tas-sena 2001 u ghadha tghix maghna sal-llum. Nghid illi r-relazzjoni ta' bejnietna minn mindu giet lura giet ghall-ahjar hafna peress illi Ritienne saret tiftah qalbha mieghi u tista' tghid li sirna hbieb ta' xulxin".*

*"Nghid illi Jason u Ritienne qatt ma kellhom tfal u bhala assi bejniethom ma kien hemm xejn hlief l-affarijiet personali taghhom. Jason kien hadhom mieghu meta telaq lill-binti u hi kienet gabet l-affarijiet personali taghha maghha lura d-dar taghna meta rritornat."*

Illi fl-affidavit tieghu **John Cini** qal is-segwenti:-

*"Ritienne Cini u Jason Drury izzewgu fis-6 ta' Lulju 1999 kontra r-rieda taghna. Ritienne giet ingannata u tradita min-nanna ta' Jason biex in-nanna tehles minnu minn gol-flat taghha ghax qalet li kienu naqsu xi affarijiet. Sa waslet biex taghtihom il-flus biex jixtru c-crieket u l-flus biex jizzewgu bir-Registru".*

*“Wara li zzewgu kemm-il darba garrew minn flat ghal iehor ghax Jason ma kienx ihallas kera. Ahna l-genituri ta' Ritienne, kemm-il darba tajnihom il-flus ghall-kera ghax it-tifla kienet tigi tibki ghax Jason ma kienx jahdem, waqt li hi kellha xoghol full-time kif ukoll part-time. Intant, minflok jahdem hu kien ikun id-dar u jigri ma' tfajliet ohra”.*

*“Meta darba t-tifla ndunat li Jason kien qed jorqod ma' tfajla ohra waqt li hi kienet ix-xoghol, ippakkjat il-hwejjeg taghha biex tigi d-dar taghna imma Jason heddidha, sabatt il-basket u kisser xi affarijiet tat-tifla u kien anke aggressiv. Tant werwirha li Ritienne kienet tibza' tigi d-dar u titkellem maghna”.*

*“Nghid illi huma m'ghandhomx tfal bejniethom u bhala assi nghid illi ma kien hemm xejn. Naf illi l-appartament fejn kienu joqghodu kienu jikruh. L-affarijiet u l-hwejjeg personali ta' binti kienet gabithom maghha dar meta regghet giet tghix maghna ghall-habta ta' April tas-sena 2001”.*

*“Meta Ritienne fl-ahhar telqet lil Jason u giet lura d-dar bdiet tghix hajja ohra, tahdem u tiftah qalbha ma' ommha. Jien kull ma' nixtiequ hu li Ritienne tiehu separazzjoni minn mar-ragel taghha, biex hi ma tkunx aktar mhedda jew mwerrwra minnu. B'hekk, hi tkun tista' tghix hajja normali, minghajr ma jkollha xejn x'taqsam mieghu, u ma tkunx obbligata aktar tuza’ l-kunjom tieghu, liema kunjom igibilha isem hazin ma hafna nies. Jien nixtieq li Ritienne tiehu s-separazzjoni wkoll ghaliex Jason qatt ma hadem, u jista' jiehu vantagg tat-tifla billi idahhalha fi djun illi hi ma dahlitx ghalih kif gja ghamel fil-passat u aktar important sabiex tkun tista’ tibda hajja ohra l-boghod mir-ragel illi irrovinaha.”*

## <u>B. TALBA ODJERNA</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fis-6 ta’ Lulju 1999 jigi dikjarat null u bla effett stante li hija qed tallega li (a) l-kunsens taghhom kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-

dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, (b) li l-kunsens tal-attrici nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

## C. LIGI U GURISPRUDENZA

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` **l-Att dwar iz-Zwieg.**

Illi dan l-artikolu jghid illi:-

*"19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';*

*(b) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra;*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b' qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(e) jekk xi wahda mill-partijiet tkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b' mohha, ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".*

*"(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, azzjoni ghall-annullament ta' zwieg tista' tinbeda biss minn wahda mill-partijiet f' dak iz-zwieg, u din id-disposizzjoni tapplika wkoll jekk dik il-parti tkun inkapaci, taht xi disposizzjoni ta' ligi, li tharrek jew tigi mharrka, u f' xi kaz bhal dan l-azzjoni tista' tinbeda minn dik il-parti minkejja dik l-inkapacita`, bla hsara ghall-ghajnuna jew kondizzjoni ohra li l-Qorti jidhrilha xierqa u tordna. Meta azzjoni tkun inbdiet minn parti fi zwieg, l-azzjoni tista' titkompla minn kull wiehed mill-werrieta".*

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut huwa kontumaci xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabbilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta' ammissjoni ghal kollox u bla ebda kondizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 (2) Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonorata f'kaz ta' kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma' l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (**"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** – P.A. (VDG) - 3 ta' Ottubru 1995 -Cit. Nru. 1264/94).

Illi dwar l-ewwel difett l-attrici qed tikkontendi li kellha meta ikkontratt iz-zwieg mal-konvenut, dan huwa dak li hemm provdut fl-**artikolu 19 (1)(d)** u cioe`:-

*"19. (1) B' zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (Ara f' dan is-sens "**Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) deciza fil-25 ta' Mejju, 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni***:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b' immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una*

*maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** **Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski – Pompedda – Zagglia, Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova, 1984), p. 46).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel*

*futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio".* (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia*

*nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" **(*Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095[3])** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-Bersini, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso".* (*op. Cit*., p. 99).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *“the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Viladrich, P.J.,*** *op. Cit., p. 687*).

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *(“colorem habens, substantiam vero nullam”)* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi “*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu”*, jew kif mgharuf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **“Bonnici vs Bonnici”** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*’finis operis’* taz-zwieg gie effettivamenf eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **“Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine”.*** (P.A. 22 ta’ Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u internament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x’inhu zwieg jew inkella xort’ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **“Galea vs Walshi”** (P.A. 30 ta’ Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *“meta l-atti, gesti jew*

*kliem esterni ma jikkorispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".*Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech" (**P.A.14 ta' Awissu1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Theuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, alavolja hu kapaci jaghti il-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cioe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19(1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg.

Illi ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga",* u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A.(NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied".* L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"Consortium Vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cioe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"Consortium Vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilita' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossubilita' taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilita' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (*op.cit* p164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns***, fii-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary.** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li kemm l-attrici u kemm il-konvenut kellhom nuqqas serju ta' diskrezzjoni fuqil-hajja mizzewga u dan jirrizulta mill-fatt li t-tnejn qabdu u zzewgu minghajr ebda hsieb ta' xejn, minghajr ma kellhom ebda assi, bla ebda preparamenti ta' xejn, bla ebda pjan ta' xejn, u t-tnejn marru jghixu flimkien ma' habiba taghhom fl-istess flat jew fond.

Illi fil-kaz tal-attrici dan ukoll jirrizulta mill-fatt li hija bdiet relazzjoni mal-istess konvenut meta kellha sbatax il-sena (17) biss u kellha relazzjonijiet anke intimi mieghu, u zzewget lill-konvenut ghaliex jidher li kienet infattwata minnu, u riedet tmur tghix ghar-rasha mieghu, u accettat ukoll li tghix maghhom il-habiba taghha, u dan meta kienet konxja tal-fatt li l-konvenut qatt ma ried jahdem, qatt ma assuma r-resposnabbiltajiet tieghu, u ma kienx bl-ebda mod dispost li jaghmel dan, tant li kien u baqa' jghix minn fuqha, u anke baqa' jghix il-hajja tieghu, bla kaz ta' xejn, u jkollu relazzjonijiet ma tfajliet ohra, inkluza l-*habiba* ohra taghha, u johorg mal-hbieb, filwaqt li l-attrici tkun qed tahdem sabiex tmantnieh.

Illi min-naha tal-konvenut, almenu mill-provi prodotti, dan jirrizulta li ma kellu u lanqas setgha kellu l-ebda kunsens validu taz-zwieg, stante li dan dahal ghaz-zwieg qiesu qed jiehu tazza te', bla ebda koncepiment ta' xejn f'dak li hija volja w intenzjoni li jghix hajja mizzewga mal-attrici, stante li kienet ghalih avventura bla ebda sinfikat hlief li jghix minn fuq l-attrici u jibqa' u fil-fatt baqa' jkollu relazzjoni ma diversi persuni ohra nkluzi hbiebu u tfajliet ma minn kellu relazzjoni, u dan sakemm abbanduna lill-attrici sabiex

presumibbilment immur mal-habiba taghha, li kienet ghal xi zmien tabita maghhom fil-fond fejn kienu jabitaw.

Illi ghall-istess ragunijiet jinghad li l-konvenut kellu l-kunsens tieghu vizzjat minhabba l-esklussjoni posittiva ta' diversi elementi essenzjali ghall-hajja mizzewga u tal-istitut taz-zwieg, u dan peress mill-komportament tieghu, kemm qabel u kemm wara z-zwieg jidher car li l-istess konvenut qatt ma kellu intenzjoni li jghix hajja mizzewga dedikata lill-attrici, u dan bl-ebda mod, u fil-fatt, kif jidher mix-xhieda hawn prodotta f'din il-kawza, l-istess attur lanqas tentattiv ma ghamel sabiex jahbi dan il-fatt; tant li l-hajja tieghu mal-attrici hija negazzjoni ta' dak kollu li suppost jipprezenta z-zwieg, b'mhux biss ksur, izda adirittura eliminazzjoni ta' dawk l-elementi kollha essenzjali fl-istess zwieg, inkluz l-imhabba, fedelta`, responabbilta, u l-hajja komuni li suppost il-konjugi jkollhom f'xulxin u ghal xulxin, u mhix ghalhekk sorpriza, li b'dan l-istat ta' animu, li l-konvenut dahal bih ghaz-zwieg, li sfortunatment mhux kaz daqshekk rari, hemm din il-krizi kollha fil-hajja mizzewga odjerna f'dan il-pajjiz ukoll.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet celebrat fir-Registru Pubbliku Valletta fis-6 ta' Lulju 1999 skond l-anness certifikat taz-zwieg mmarkat Dokument "A" huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att taz-Zwieg (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**